MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Numru. 253/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**HABIB ZEMECHA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **HABIB ZEMECHA,** ta' 26 sena, iben Zemecha u Rawda, imwieled Ethiopia fl-1 ta' Jannar 1988, residenti f'Hangar Centru Miftuh, Hal Far u detentur bin-numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 11C-199, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

F'2013 kif ukoll fiz-zmien ta' qabel, f'Malta, minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali bil-lingwa Ingliza Dok. "CSH1", il-kunsens tal-Avukat Generali bil-lingwa Maltija Dok. "CSH2", rapport tal-Pulizija tal-MIA Dok. "CSH3", u *email* fejn giet mibghuta b'notifikazzjoni mill-Germanja, Dok. "CSH4".

Semghet l-imputat jiddikjara li m'ghandux mezzi biex jinkariga avukat ta' fiducja tieghu sabiex jassistih f'dawn il-proceduri.u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Dorianne Vella bhala avukat tal-ghajnuna legali li llum imissha t-turn sabiex tassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2014.

Rat illi dan l-ahhar qed ikun hawn awment ta' dan it-tip ta' kawzi u l-Qorti trid taghti messagg lis-socjeta' li mhix ser tittollera dawn it-tip ta' reati bhaliekieku mhuma xejn u ghalhekk thoss li ghandha tinflingi piena karcerarja effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217, tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat HABIB ZEMECHA hati tal-akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija effettivi.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------